## 4 ta' Frar, 1965

## Imħallef:

## Onor. Dr. M. Caruana Curran B.A., LL.D.

Rosina Gauci, xebba

*versus*

Antonia armla Borg

## Donazzjoni — Titolu għall-Portatur

*Biex ikun hemm donazzjoni, apparti mill-kwistjoni tal-formalitajiet rikjesti — salvo fil-każijiet eċċetwati — "**ad substantiam**", irid ikun hemm l-att materjali tad-donazzjoni kif ukoll l-animu tal-liberalità, sakemm ma jkunx xi każ ta' donazzjoni rimuneratorja.*

*Il-pussess ta' titolu għall-portatur in buona fede għandu l-effett stess tat-titolu.*

*Għalhekk ma hemmx donazzjoni jekk id-donant minflok ma jagħti l-flus direttament lill-pretis donatarju, iqegħdhom f'libreett inkassabbli mill-portatur u di più l-istess donant iżomm għandu dan il-librett.*

**Il-Qorti**, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi billi fil-Bank magħruf tal-"Apostolat tat-talb" ossija ta' San Giuseppe kien hemm depositata s-somma ta' liri mitejn u waħda seba' xelini u ħdax-il sold (£201. 7. 11) ta' proprietà ta' l-attriċi u billi l-konvenuta mingħajr il-kunsens ta' l-attriċi u anzi ad insaputa tagħha abusivament sbankat mill-istess

bank l-istess somma ta' £201. 7. 11 u qegħda tirrifjuta li tikkonsenja din is-somma attriċi, previa okkorrendo d-dikjarazzjoni illi s-somma ta' flus fuq imsemmija tappartjeni lill-attriċi — talbet li l-konvenuta tiġi kundannata minn din il-Qorti biex tirrestitwixxi u tħallas lill-attriċi l-imsemmija somma ta' £201. 7. 11 ta' proprietà ta' l-attriċi mill-konvenuta sbankata u detenuta abusivament kif fuq ingħad. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' qbid tat-2 ta' April 1964. u bl-imgħax legali mid-data tal-isbank;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u n-nota tax-xhieda tagħha;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta illi l-flus in kwistjoni ma humiex ta' proprjietà ta' l-attriċi u għalhekk id-domanda timmerita li tiġi respinta, kif ukoll id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tagħha;

OMISSIS;

...... għalhekk huma ta' massima importanza f'dan il-każ il-provi dwar in-natura u l-kondizzjonijiet tad-depositu u dwar l-intenzjoni tal-partijiet. Jekk l-attriċi tippretendi li l-flus saru tagħha dan ma tistax tippruvah ħlief bit-titolu ta' donazzjoni. Biex ikun hemm donazzjoni, apparti mill-kwistjoni tal-formalitajiet rikjesti, — salvo fil-każijiet eċċettwati "ad substantiam", irid ikun hemm l-animu tal-liberalità, sakemm ma jkunx xi każ ta' donazzjoni rimuneratorja. Il-provi fuq in-natura tar-rapport bejn il-partijiet f'dan ir-rigward huma konfliġġenti kif soltu jiġri f'każijiet bħal dawn, għax sa meta r-relazzjonijiet familjari jkunu għadhom tajbin kollox isir "alla buona" u bi ftit rigward għall-esiġenzi probatizji futuri, u mbagħad wara, meta jibdew id-dissidji, il-fatti ġia minnhom konfusi jkomplu jikkonfondu ruħhom għall-agħar bit-testimonjanzi kuluriti bl-ispirtu partiġjan. Il-

Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha preskritta mill-liġi l-ankra tas-salvataġġ tar-regola tal-oneru tal-prova. L-attriċi tal-lega l-proprjetà. Dik il-proprjetà ma tistax tkun tagħha ħlief b'donazzjoni. Mela fuqha jinkombi l-pis tal-prova tad-donazzjoni, tant fl-aspetti materjali kemm intenzjonali, viż., l-animus donandi.

Illi l-provi fil-qosor fuq in-natura tan-negozju ġuridiku "de quo agitur" huma dawn:—

OMISSIS;

Illi fuq dawn il-provi d-difensur ta' l-attriċi avvanza l-argument ta' l-animu tal-liberalità, stante li l-konvenuta rabbiet lill-attriċi, mhuwiex inverosimili, u li ma kienx hemm kondizzjoni li l-attriċi tibqa' tgħix mal-konvenuta sakemm tiżżewweġ. Imma dawn l-argumenti fl-opinjoni tal-Qorti ma jolqtux l-essenza tal-kwistjoni li tinsab x'aktarx fir-risposta għaż-żewġ kweżiti (a) kien hemm il-materjalità jew l-att materjali tad-donazzjoni? u (b) dak l-att kien fil-fatt akkompanjat bl-animu tal-liberalità? Ir-risposta għal dawn iż-żewġ domandi tiddependi miċ-ċirkostanza iżjed saljenti minn dawk imsemmija minn Dr. Harding, ċjoè, il-fatt li la l-flus u lanqas l-interessi relativi ma qatt għaddew fil-libera disponibilità ta' l-attriċi. L-intestatura tal-librett, fil-każ partikolari, hija ċirkostanza sempliċement ekwivoka u inċidentali meta tiġi komparata maċ-ċirkostanza li l-passaġġ tal-propretà ma ġiex operat (anke jekk id-diversi depositi konsidrati separatament minn xulxin jew fil-kumpless tagħhom jittieħdu bħala donativi manwali ta' valur modiku li għalihom ma kienx hemm bżonn ta' l-att pubbliku, kwistjoni li qegħda tiġi riservata, għax il-konvenuta u żewġha għażlu li jqegħdu l-flus f'depositu ta' bank tar-resparmji li l-librett relativ tiegħu huwa titolu għall-portatur u żammew dan il-librett f'idejhom, kif kompliet iżżomm il-konvenuta wara l-

mewt ta' żewġha. Il-liġi tippreskrivi li l-pussess ta' titolu għall-portatur in buona fede għandu l-effett stess tat-titolu (art. 595(1) Kod. Ċiv.). Il-liġi hawnhekk issemmi t-terz, imma jekk ir-regola tal-"possession vaut titre" tapplika favur it-terz tapplika wkoll favur il-konvenuta, li relativament għall-pretezjoni ta' l-attriċi għall-proprjetà tal-flus rappreżentati mill-librett in kwistjoni mhix ħlief terz u ma jistax ikun hemm kwistjoni li l-konvenuta ma kenitx in buona fede meta żammet il-librett f'idejha, anzi din kienet l-intenzjoni ferma tagħha u presumibilment anki ta' żewġha. Meta għalhekk persuna tqiegħed flus b'isem persuna oħra f'librett ta' "cassa di risparmio", il-fatt tal-użu tal-isem ta' din it-tieni persuna, u anki tal-prova tal-intenzjoni eventwali tad-depożitant, kondizjonata jew mhijiex, li fil-futur jagħmilha donazzjoni tal-flus rappreżentati mill-librett, huma ċirkostanzi wisq ekwivoċi biex minnhom il-Qorti tkun tista' tinduċi b'dak il-grad ta' konvinzjoni morali li huwa meħtieġ għal kull sentenza li saret donazzjoni effettiva, anzi, kif fuq intqal, il-fatt li d-depożitant, flok ma jagħti l-flus direttament lill-pretis donatarju, kif ikun seta' faċilment jagħmel kieku ried immedjatament jibbenifikah, iqegħdhom f'librett inkassabbli mill-portatur u di più, ma jagħtix il-librett materjalment f'idejn dak il-pretis donatarju imma jżommu fil-pussess tiegħu, jeskludi tant l-att materjali kemm l-intenzjoni tad-donazzjoni, jew almenu jħalli tant dubju li l-Qorti ma tistax fil-fatti speċji ta' din il-kawża, takkolji d-domanda tad-deklartorja magħmulha mill-attriċi preordinatament għad-domanda l-oħra għall-kundanna għar-restituzzjoni.

. . .

Illi għalkemm forsi fil-ġurisprudenza ma jinstabux każijiet fejn il-fatti kienu identiċi għall-preżenti, dina d-deċiżjoni tidher suffragata mill-prinċipju espost minn din il-Qorti fis-sentenza **Pace vs. Caruana, 17 ta' Ottubru, 1949,** Kollez. Vol. XXXIII, ii, 416, fis-sens li l-liberalità (trattandosi ta' donazzjoni ritenuta valida bħala rigal manwali ta'

valur modiku) isseħħ bit-tradizzjoni tal-ħaġa mobili dovuta — fatt li jimplika l-intenzjoni tad-donanti u l-aċċettazzjoni tad-donatarju (a paġ. 421, l-ewwel ħames linji, per Onor. Imħallef A.V. Camilleri). A skans ta' ekwivoċi jiġi osservat li f'dak il-każ iċ-ċedoli ta' depositu ma kenux titolu għall-portatur u, fi kwalunkwe każ, kienu ġew mgħoddija mid-donanti fil-pussess effettiv tal-ġenituri tad-donatarju minuri. F'sens konformi hija wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Bologna, 22 ta' Frar, 1886, Consolati e Fontana, Riv. Giuridica 86, 85, fejn ġie deċiż li fil-liġi taljana li, bħal tagħna, jirrikjedi l-att pubbliku anki għad-donazzjoni rimuneratorja, dik ir-regola ma tapplikax għad-donazzjoni ta' librett ta' "cassa di risparmio" li t-titolu tiegħu huwa l-pussess.

Illi l-liġi normalment trid li d-donazzjoni għandha tirriżulta minn att pubbliku biex ma jkunx hemm dubju u dissidju fuq in-natura tan-negozju ġuridiku li jkun sar. Fil-każijiet l-oħra, u hawnhekk il-Qorti għandha quddiemha s-somma mhux negliġibili ta' mitejn lira, il-prova għandha tkun rigoruża u mhux klandikanti.

Illi in vista tal-premess il-Qorti mhijiex imsejħa biex tidħol fil-kwistjoni tal-validità tad-donazzjoni għal dik li hija forma, li del resto d-difensur tal-konvenuta lealment lanqas ma nsista fuqha f'dan l-istadju u dan, apparti mill-lealtà, huwa konsistenti mal-argument tiegħu li ma kienx hemm donazzjoni.

Illi subordinatament għall-konsideranti premessi, anki kieku kellu jiġi deċiż li kien hemm donazzjoni din kellha ssir u tiġi esegwita f'mument differit għaż-żwieġ ta' l-attriċi. Fuq dan jew m'hemmx konflitt u l-attriċi taqbel mal-konvenuta u Maria Sillato, jew hemm konflitt li għandu allura jiġi risolt favur il-konvenuta. Hawnhekk il-Qorti mhijiex qegħda tirriferixxi għall-kondizzjoni tar-residenza kontin-

wata saż-żwieġ imma għall-oħra li, fil-każ li d-donazzjoni ssir meta l-attriċi tiżżewweġ. Dana waħdu jwassal għall-intempestività ta' l-azzjoni u jista' jwassal ukoll għall-kwistjoni l-oħra jekk l-attriċi, meta tiżżewweġ, tistax tipproċedi direttament għall-pagament jew inkella għandhiex tipproċedi biex tikkonstrinġi lill-konvenuta taddivjeni għall-kuntratt relativ. Fi kwalunkwe każ, ikompli jsaħħaħ il-konklużjoni prinċipali tal-Qorti li fuqha huwa motivat id-dispositiv segwenti, li s'issa almenu ma kien ebda donazzjoni effettiva.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta u tiddeċiedi l-kawża billi tirrespinġi t-talba ta' l-attriċi għad-dikjarazzjoni illi s-somma ta' flus imsemmija fiċ-ċitazzjoni tappartjeni lilha, u billi din id-dikjarazzjoni hija neċessarjament preordinata għat-talba l-oħra għall-kundanna tal-konvenuta għar-restituzzjoni ta' dik is-somma ma hemmx lok li l-Qorti tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dik it-tieni domanda. L-ispejjeż stante n-natura tal-kwistjoni trattata u ċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu bla taxxa, bid-dritt tar-Reġistru, però, għall-attriċi.